MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2015

Numru. 124/2013

**Il-Pulizija**

**[Spettur Anne Marie Xuereb]**

**vs**

**Stefan Desira**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stefan Desira detentur tal-karta tal-identita` numru 321082(M).

Akkuzat talli fix-xhur ta' Novembru 2012 u Dicembru 2012, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Joseph Calleja minn Birkirkara u tal-Bank of Valletta plc;

2. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioe` cekkijiet tal-Bank of Valletta plc, Malta, li jappartjenu lil Joseph Calleja minn Birkirkara, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zid jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw; kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, kitba jew skrittura falza;

3. U aktar talli fil-Belt Valletta, minn gewwa l-istabiliment Zmerc City, Marsamxetto Regatta Club, matual ix-xahar ta' Novembru u Dicembru 2012, ikkommetta serq ta' cekkijiet tal-Bank of Valletta plc, Malta, li jippartjenu lil Joseph Calleja minn B'Kara, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u sar ghad-dannu tal-istess Bank of Valletta plc Malta u ta' Joseph Calleja minn B'Kara.

U aktar talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi gew decizi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb hati ghall-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat illi l-imputat rega’ kkonferma tali ammissjoni fil-verbal tad-disa’ u ghoxrin (29) ta’ Settembru elfejn u erbatax (2014) u rega’ kkonferma tali ammissjoni wara li nghata zmien opportun sabiex jirregola ruhhu.

Rat li fl-istess verbal l-imputat talab li jsirlu *Pre Sentencing Report* liema talba ma kienitx opposta mill-prosekuzzjoni u ghalhekk l-Ufficcju tal-*Probation Services* gie notifikat b'tali verbal sabiex jithejja rapport opportun.

Rat li l-*Pre Sentencing Report* gie pprezentat u mahluf mill-*Probation Officer* Maria Mifsud fejn hija ghamlet il-konkluzjonijiet taghha fosthom li qalet:

> ***"Harsa lejn l-informazzjoni li ngabret sabiex jigi kkumpilat dan ir-rapport, jidher li fir-rigward tal-problema tad-droga akuta li ilha tiddomina hajjet Stefan Desira ghal dan l-ahhar snin, l-ikkoncernat jidher li qieghed juri motivazzjoni sabiex jindirizza l-problema tad-droga u ghaldaqstant jinhass il-bzonn li din tkompli tigi ndirizzata b'mod aktar estensiv. Madanakollu, ta' min jinnota wkoll li fil-passat kienu saru diversi pjanijiet ta' kura li l-imputat ma temmx b'success.***
>
> ***Ghaldaqstant, qed jigi rakkomandat li f'dan l-istadju tinhareg Ordni Provizorja ta' Supervizjoni fejn jibqa' jigi segwit l-andament tal-ikkoncernat waqt il-programm residenzjali, sabiex ikun zgurat li Desira jikkompleta l-programm u fil-frattemp ikun assistit sabiex isib impjieg."***

In vista ta' dan u anke' minhabba l-fatt li din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet tal-*Probation Officer* u sabiex taghti opportunita` lill-imputat sabiex isib it-triq it-tajba u jirrijabilita` ruhhu, thoss li piena ta' prigunerija effettiva mhix idoneja anke' jekk hemm l-addebitu tar-recidiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17 (h), 18, 308, 309, 183, 184, 261, 268, 281 (a), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Stefan Desira** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih fuq ammissjoni tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kap 9 qed tikkundannah ghal sena u disa' xhur prigunerija sospizi ghal tliet (3) snin flimkien ma' *Supervision Order* hawn anness u li ghandha tifforma parti ntegrali minn din is-sentenza, sabiex l-imputat ikun mhejjun sabiex isib it-triq it-tajba permezz ta' xoghol stabbli, johrog mill-vizzju tad-droga darba ghal dejjem, kif ukoll jibda' jaghti lura l-flus dovuti lill-vittma.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tas-*Supervision Order* annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------